**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 9 ta' Frar, 2016**

**Avviz numru:- 19/2013JVC**

**Peter Muscat**

**Vs**

**Aldo Sultana u Vanessa Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab:-

Li jithallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540), rapprezentanti l-hlas, ossia bilanc, dovut flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud, ghal thaffir ta' piles rezi minnu lill-konvenuti fuq inkarigu tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Novembru, 2013, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-istess Aldo Sultana u Vanessa Azzopardi fejn esponew:

Illi t-talbiet attrici huma totalment u kompletament infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur, u dana stante:

(1) Fl-ewwel lok, l-esponenti jopponu ghall-ispejjez ta' dina l-procedura stante illi huma qatt ma' cahdu lill-attur mill-bilanc illi jispetta lilu legittimament; cioe' l-ammont ta' elf tmien mija u tmenin Ewro (€1,880); VAT inkluz, u dana kif jirrizulta mill-korrispondenza illi giet skambjata bejn il-partijiet qabel ma giet intavolata dina l-procedura. F'dana r-rigward, l-esponenti

jissottomettu wkoll illi huma qed jiddepozitaw dana l-istess ammont taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti hawn kontestwalment. Il-bilanc in kontestazzjoni huwa ghalhekk fl-ammont ta' elf sitt mija u sittin Ewro (€1,660), u liema bilanc kien jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li kieku l-attur accetta l-pagament illi l-esponenti ntentaw jaghmlu kemm-il darba;

(2) Fit-tieni lok, u in kwantu ghall-mertu taghha, it-talba attrici hija kompletament u totalment infondata fid-dritt u fil-fatt. Qabel ma bdew ix-xoghlijiet il-partijiet kienu ftehmu fuq rata sabiex jigi espletat ix-xoghol in kwestjoni; ftehim illi l-attur beda jinjora biss fil-mument illi l-esponenti gew biex ihalsu l-kont wara illi x-xoghol kien tlesta. Kien precizament f'dak il-mument illi l-attur beda' jippretendi illi jithallas b'rata differenti, rata illi l-esponenti jikkontestaw bil-qawwa la darba dina ma tirriflettix il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

Salv risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, dokumenti u provi kollha mressqa;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Novembru, 2015 il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din il-kawza tirrgwarda talba ghall-hlas ta' bilanc fuq xoghol ta' thaffir ta' 'piles' maghmula mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti. Mill-atti jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar jekk sarux jew le ix-xoghlijiet in kwistjoni anzi hemm qbil bejn il-partijiet li dan sar u anki fil-kejl f'piedi ta' kemm sar xoghol cioe' l-ammont ta' 588 pied. Li jirrizulta li m'hemmx qbil fuqu bejn il-partijiet huwa l-prezz tax-xoghol ghal kull pied kif suppost kien miftiehem qabel bdew ix-xoghlijiet u dwar jekk il-prezz li nghata kellux jinkludi t-taxxa fuq il-

valur mizjud jew le. L-attur isostni li gialadarba huwa kellu juza l-'piler' il-kbira u mhux iz-zghira r-rati applikabbli huma dawk abbinati mal-uzu ta' din il-'piler' li l-attur isostni li huwa dejjem jikkwotah bhala erbatax-il euro (€14) il-pied li izda l-attur fil-mori tal-kawza jsostni li f'mument gie ridott ghal tnax-il euro (€12) u f'partijiet ohra tax-xhieda jghid li gie ridott ghal tnax-il euro u hamsa u tletin centezmu (€12.35). Da parti taghhom il-konvenut isostnu li huma dejjem gew kwotati l-prezz ta' ghaxar euro (€10)-il pied u qatt ma saret l-ebda distinzjoni maghhom dwar liema 'piler' kellu jintuza u ghalhekk irrilevantament mil-liema 'piler' intuza, l-attur ghandu jimxi ma' dak kwotat minnu maghhom u miftiehem cioe' dak ta' ghaxar euro (€10)-il pied.

Illi filwaqt li l-attur jinsisti li huwa kien spjega lill-konvenut Aldo Sultana d-differenza fil-prezz bejn 'piler' u ohra l-konvenut isostni li huwa qatt ma gie kwotat prezz iehor ghajr dak tal-ghaxar euro (€10) lanqas meta l-attur iddecieda li ma setax jahdem biz-zghira u hadem bil-'piler' il-kbira. Dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud l-attur isostni fix-xhieda tieghu li kellu jkun intiz li r-rata li huwa ta lill-konvenuti teskludi l-'vat' filwaqt li l-konvenuti jsostnu li qatt ma kien hemm kliem dwar 'vat' u li la darba gie kwotat lilhom prezz ta' ghaxar euro (€10) huma fehemu li dan jinkludi l-'vat'.

Irrizulta mix-xhieda li l-ftehim dwar il-prezz sar biss bejn l-attur u l-konvenut Aldo Sultana u fil-prezenza ta' hadd aktar. Hadd mix-xhieda l-ohra mressqa miz-zewg partijiet ma seta' jghid li sema' lill-partijiet jiftehmu nkluz mart il-konvenut, missierha, il-perit tal-konvenuti kif ukoll l-allegat 'partner' fix-xoghol tal-attur Joseph Portelli. Il-konvenut isostni li l-prezz gie kwotat lilu mill-attur minn fuq it-telephone u li l-konvenut kien konsegwentement mar sabu fuq lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-attur u kkonfermalu li l-prezz ta' ghaxar Euro (€10) kien accettabbli ghalih u ghal martu jew ahjar dak iz-zmien l-gharusa tieghu. Mart il-konvenut setghet biss tikkonferma l-prezz li qalilha l-konvenut izda ssostni li Aldo Sultana dejjem semmielha prezz wiehed cioe' dak tal-ghaxar Euro ( €10). Il-konvenuti jsostnu li huma kienu nkwetati meta l-attur iddecieda li juza l-'piler' il-kbira mhux minhabba d-differenza fil-prezz ghaliex dan qatt ma kien issemma' maghhom izda ghaliex bezghu li x-xoghol kien ser jaqa' lura u wkoll ghaliex il-'piler' il-kbira ma tasalx vicin il-hitan kif xtaqu huma daqs iz-zghira.

Da parti tieghu l-attur jaghti bosta verzjonijiet dwar kif huwa kkwota l-prezz tal-erbatax-il euro (€14) l-pied lill-konvenuti jekk juza l-'piler' il-kbir. Il-konvenuti jichdu li dan il-prezz qatt issemma' maghhom. Il-Qorti ghalhekk sabet ruhha rinfaccjata b'zewg verzjonijiet (jekk mhux aktar da parti tal-attur) dwar il-ftehim tal-prezz tax-xoghol koncernat.

Illi meta l-qorti jkollha quddiemha verzjonijiet konfliggenti referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia**[1] fejn gie ritenut:

*'Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*[2]

*Jigu osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[3]*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*

*Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet*[4]*. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.'*

Illi f'dan il-kaz pero' ma xehdux biss il-partijiet izda da parti tal-attur tressaq ukoll ix-xhud Joseph Portelli apparti l-Perit Karmenu Borg li prezenta dikjarazzjoni fil-qosor hafna filwaqt li l-konvenuti ressqu wkoll bhala xhieda lill-Perit Ramona Cassar u lill-missier il-konvenut Michael Azzopardi . Il-Qorti nnotat li bejn ix-xhieda ta' Peter Muscat l-attur u Joseph Portelli l-allegat 'partner' tieghu fix-xoghol hemm bosta kontradizzjonijiet fejn sahansitra Peter Muscat fil-kontro-ezami tieghu (a

---

[1] Cit Nru: 1523/1997 deciza fil-5 ta'Ottubru, 2004
[2] **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1996
[3] App.Inf, .**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** deciza fit-22 ta' Novembru 2002
[4] App.Civ. **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[1986] Vol.LXX.II.144

fol. 68 et seq) jinsisti li l-flus li jrid jigbor minghand il-konvenuti huma kollha tieghu ghaliex hu hadem filwaqt li Peter Muscat (a fol. 94 et seq) jghid li nofshom tieghu ghaliex jahdmu bi shab (u dan ma jghidux darba biss). Apparti minn hekk l-istess attur jikkontradixxi lilu nnifsu u jaghti bosta verzjonijiet specjalment dwar meta u kif huwa kkwota l-prezz ta' erbatax-il Euro (€14) il-pied lill-konvenut fosthom li nfurmahom sitt xhur qabel ix-xoghol, imbaghad li nfurmahom erba' xhur qabel sar ix-xoghol. Ukoll l-istess attur xejn ma nstema' konvincenti meta prova jfiehem fl-awla x'wassal sabiex huwa flok insista ghall-prezz ta' erbatax-il euro (€14) huwa naqqas tali prezz ghal dak ta' tnax-il euro (€12.00) jew tnax-il euro u hamsa u tletin centezmu (€12.35), ghaliex lanqas fuq l-ammont ezatt ma kien cert. Il-fatt li nhargu 'invoices' kemm minn Joseph Portelli ghas-somma ta' €3540 (fol. 27) kif ukoll ohra ta' €4000 (fol. 18) u l-fatt li fix-xhieda tieghu Peter Muscat (fol. 68 et seq) jghid li nhareg kont ta' €7,200 u xi haga u meta mistoqsi bil-kemm ma setax jghid jekk dawn kellhomx jaqsmu wiehed mal-iehor jew le xejn ma jimmilita favur il-kredibilita' tax-xhieda tieghu. Apparti minn hekk il-fatt li fl-affidavit tieghu l-attur isostni li huwa hadem madwar 602 pied ammont li mkien ma ssemma' aktar fl-atti filwaqt li l-istess Peter Muscat fil-kontro-ezami tieghu jikkonfema ghal aktar minn darba li l-ammont mahdum kien dak ta' 588 cioe' differenza ta' 24 pied ukoll ma jghinx sabiex din il-Qorti temmen il-verzjoni tieghu.

Da parti taghhom il-konvenuti u x-xhieda taghhom kienu ferm konsistenti fix-xhieda taghhom kif ukoll korroborata minn dokumenti li gew esebiti (liema dokumenti aktar jevidenzjaw il-kronologija tal-fatti izda jsahhu l-verzjoni taghhom) u ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuti anki ghaliex verament temmen li huma kellhom idejhom marbuta ferm ghal dak li huma prezzijiet stante li sabiex ihallsu lill-attur huma riedu jipprezentaw il-kontijiet lill-bank.

Il-Qorti tqis li filwaqt li l-attur ma ressaqx provi bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi sabiex jipprova l-pretensjoni tieghu skont il-verzjoni moghtija lilu tqis min-naha l-ohra li l-verzjoni vera tal-fatti kif graw hija dik moghtija mill-konvenuti. Il-Qorti temmen li fil-verita' l-attur qatt ma kkwota prezz iehor ghajr dak ta' ghaxar euro il-pied (€10) u dan ghaliex qabel saru x-xoghlijiet il-partijiet dejjem tkellmu fuq l-uzu tal-'piler' iz-zghira (kif ikkonfermat fix-xhieda tal-Perit Ramona Cassar fol. 48 et seq) u ghalhekk qatt ma kien hemm il-bzonn li jigi kwotat xi prezz divers

minn dak. Meta l-attur gie biex juza l-'piler' il-kbir jekk verament huwa normalment izomm somma diversa huwa kellu jaghmel dan car mal-konvenuti sabiex ikun hemm ftehim gdid dwar il-prezz ghola izda dan evidentement ma sarx u l-attur baqa' ghaddej bix-xoghol minghajr ma kkwota l-ebda prezz iehor lill-konvenuti. Dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud din il-Qorti hija konvinta li l-attur fl-ebda hin ma semma' li din kellu tigi kalkolata oltre l-prezz kwotat minnu stante li l-intenzjoni tieghu kienet li ma tinhareg l-ebda rcevuta lill-konvenuti kif fil-fatt qal lill-istess konvenuti meta dawn talbuh l-ircevuta. Apparti minn hekk din il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-gurisprudenza u l-ligi huma cari li fejn prezz, stima jew kont ma jeskludux espressament it-taxxa fuq il-valur mizjud allura dawn ghandhom jinftehmu li jinkludu l-'vat'. Biex jinghata ezempju semplici meta wiehed ihares lejn prezz f'vetrina ta' hanut dan jinftiehem minghajr dubju li jinkludi l-'vat' u ma jippretendix li jidhol jixtrieh u l-'vat' tinhadem oltre l-prezz muri fil-vetrina. L-istess japplika f'dan il-kaz. Din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jista' b'xi mod jevidenzja anki minimament li l-attur b'mod espress ghamilha cara lill-konvenuti li l-prezz kwotat kien jeskludi l-'vat'.

Il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost, tiddikjara li l-attur ma ressaqx provi sufficjenti sabiex jipprova l-pretensjonijiet tieghu kif dedotti fil-konfront tal-konvenuti anki ghaliex il-Qorti ma emmnitx il-verzjoni moghtija mill-attur filwaqt li qed temmen il-verzjoni tal-fatti kif deskritta mill-konvenuti. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tghaddi biex tilqa' t-talba tal-attur limitatament biss ghas-somma verament dovuta lilu mill-konvenuti cioe' dik ta' elf, tmien mija u tmenin Euro (€1,880).

Din il-Qorti hija wkoll sodisfatta li d-differenza verament dovuta skont il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u cioe' is-somma ta' elf, tmien mija u tmenin Euro (€1,880) kienet a disposizzjoni tal-attur qabel ma fetah il-kawza tant li ntbaghat lilu c-cekk bl-ammont izda huwa ghazel li jibghatu lura lill-konvenuti stante li baqa' jinsisti fuq il-pretensjonijiet mhux gjustifikati tieghu. Il-konvenuti anzi marru oltre u malli nfethet il-kawza ddepozitaw mill-ewwel l-ammont a favur tal-attur sabiex jezoneraw ruhhom minn kull responsabbilta' filwaqt li jirrizulta in oltre li l-attur gie anki awtorizzat jizbanka tali ammont minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu fl-ahhar verbal. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, li tista' tghid saru ghal xejn, ghandhom jigu sopportati unikament u fl-intier taghhom mill-attur inkluz l-ispejjez tac-cedola sabiex l-ammont gie depozitat fil-Qorti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suespost, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma gia depozitata fil-Qorti li tammonta ghal dik ta' elf, tmien mija u tmenin Euro (€1,880) bit-taxxa fuq il-valur mizjud inkluza, bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri u tac-cedola ta' depozitu kontra l-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur